# Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
# Ġurisdizzjoni Superjuri
# Sezzjoni Ġenerali

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana**
**LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru:- 92/2014BS**

**Joseph Grima, Annunziata sive Nancy mart Joseph Attard, Raymond Grima u Maria Theresa Grima**

**-vs-**

**Raymond u Salvina konjuġi Gatt**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat[1] tal-atturi illi ppremettew:**

1. Illi l-esponenti jipposjedu flimkien u *in solidum* bejntiehom ghalqa liema ghalqa hija maghrufa bhala Ta' Tuta u tinsab fil-limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex;

2. Illi l-intimat huwa propjetarju tal-art adjacenti ghall-imsemmija ghalqa;

[1] Fol 1 sa 3.

3. Illi recentement, l-intimat u/jew terzi mqabbda minnu intraprenda xogholijiet ta' skavar u kostruzzjoni li permezz taghhom kisser l-passagg li jwassal ghall-ghalqa b'mod illi l-access ghall-istess ghalqa gie distrutt;

4. Illi in oltre, l-konvenut beda xoghol ta' skavazzjoni b'mod tali illi uzurpa parti mill-ghalqa li kienet posseduta mill-atturi u diga beda xogholijiet ta' tqeghid ta' pedamenti f'posizzjoni li jmorru lil hemm mill-hajt tal-qasma u cioe' liema pedamenti qeghdin jinbnew fil-ghalqa posseduta mill-atturi u dana hekk kif jirrizulta mir-rapport peritali tal-arkitett Joe Grech;

5. Illi minkejja li interpellat diversi drabi u b'diversi modi l-konvenut baqa ghaddej bl-imsemmija xogholijiet u dana sa meta l-atturi pprezentaw Mandat t'Inibizzjoni numru 48/2014 fl-ismijiet Joseph Grima et vs Raymond Gatt;

6. Illi dana l-istess mandat gie accettat provvizorjament minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-27 t'Ottubru, 2014 u dina l-kawza qeghda ssir ukoll sabiex izzomm tali mandat in vigore;

**Talbu għalhekk lil din il-Qorti:**

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jirrintegra lill-atturi u jisporgi l-ispoll minnu kommess billi jirripristina l-passagg ghall-imsemmija ghalqa u jerga jtella l-hajt tal-qasma tal-ghalqa fil-posizzjoni originali tieghu;

2. Fin-nuqqas jigu l-istess atturi awtorizzati li jisporgu huma stess l-ispoll kommess mill-konvenut billi jergghu jiffurmaw l-imsemmi passagg u jibnu l-hajt tal-qasma bejn l-ghalqa taghhom u l-propjeta' tal-konvenut fil-posizzjoni originali tieghu;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Mandat t'Inibizzjoni 48/2014 kontra l-konvenut u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Ġuramentata[2] tal-konvenuti illi eċċepew:**

[2] Fol 12 sa 13.

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi hemm nieqsa l-elementi rikjesti mill-ligi biex ir-rikorrenti jirnexxu fil-kawza tentata minnhom;

2. Illi huwa inveritier dak li jghid ir-rikorrenti fil-premessi tieghu meta jallega li l-intimat jew min minnhom kisser l-passagg li jwassal ghall-ghalqa jew li bena hajt oltre dak li l-intimati akkwistaw permezz ta' kuntratt pubbliku datat 21 ta' Gunju 2012 fl-atti tan-Nutar Tania Spiteri.

3. Illi f'kull kaz ma giex kommess ebda spoll da parti tal-intimati;

4. Salv ragunijiet ohra.

**Fliet l-atti.**

**Rat** li bid-digriet tal-24 ta' Novembru, 2014[3] il-Qorti ordnat l-allegazzjoni ma' l-atti ta' din l-istanza ta' l-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni numru 48/2014 fl-istess ismijiet premessi.

**Rat** li fl-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2015 il-Qorti awtorizzat lill-perit *ex parte* John Saliba jezebixxi pjanta kif deskritt minnu fix-xhieda tiegħu tal-istess jum.

**Rat** in-nota tal-atturi tal-14 ta' Mejju, 2015[4] li biha eżebew sensiela ta' dokumenti konsistenti fi pjanta u tlett (3) ritratti mill-ajru (għas-snin 2004, 2008 u 2012) kif ukoll *superimposed plan* ta' kif kienet l-għalqa tal-atturi qabel u wara li saru x-xogħolijiet mill-konvenuti.

**Rat** li fl-udjenza tal-5 ta' Ġunju, 2015 l-atturi ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqha salv li jtellgħu xhud ulterjuri sabiex jikkonferma l-awtenticita' tad-dokument a fol 55 tal-proċess (irċevuta ntestata lil Mary Therese Grima għal ħlas ta' ċens fuq l-għalqa "Ta' Tuta" għas-snin 1998 sa 2014).[5] Dan ġie kkonfermat fl-udjenza tal-14 ta' Lulju, 2015.

---

[3] Fol 5.
[4] Fol 31, b'dokumenti a fol 32 sa 37.
[5] Verbal a fol 75 sa 76.

**Rat** in-nota tal-konvenuti tat-12 ta' Mejju, 2016 li biha eżebew kopja tad-dokumenti msemmija fix-xhieda ta' Prof. Mario Vassallo.[6]

**Rat** li fl-udjenza tal-25 ta' Jannar, 2017 il-partijiet qablu li jsir aċċess fuq is-sit flimkien mas-Sur Peter Mamo, il-Kummissarju tal-Artijiet.[7]

**Rat** li fl-udjenza tat-23 ta' Marzu, 2018 il-partijiet qablu li jitqabbad s-*surveyor* Saviour Bonello sabiex jaċċedi fuq il-post ma' rappreżentanti tal-Awtorita' tal-Artijiet u jsiru marki neċessarji.[8] **Rat** li b'digriet tat-2 ta' Mejju, 2018 Saviour Bonello ġie sostitwit bis-*surveyor* Raymond Attard.[9]

**Rat** li fl-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2019 ġie estiż l-inkarigu tas-*surveyor* Raymond Attard sabiex jagħmel referenza għad-dokumenti li jqis relevanti u jimmarka fejn huwa jqis li kien jinsab il-ħajt tas-sejjiegħ diviżorju.[10]

**Rat** li fl-udjenza tal-24 ta' Novembru, 2020 l-atturi ddikjaraw li jaqblu mal-konkluzjonijiet milħuqa mil-perit tekniku, is-*surveyor* Raymond Attard.[11]

**Rat** li fl-udjenza tad-19 ta' Frar, 2021, wara li ddikjaraw li jaqblu mar-rapport tal-perit tekniku, il-konvenuti talbu lill-Qorti tinkariga lill-istess perit tekniku, is-*surveyor* Raymond Attard, sabiex jimmarka l-qsami korretti u jissorvelja x-xogħol tal-bini tal-ħajt diviżorju. Il-Qorti laqgħet it-talba.[12] **Rat** ir-rapport addizzjonali tal-perit tekniku mħejji għal dan il-għan.[13]

**Rat** li fl-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2022 il-konvenuti ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqha u l-kontro-eżamijiet eżawriti bil-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni finali.

**Rat** il-verbal tat-8 ta' Lulju, 2022 li bih il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza bil-fakolta' li jsiru noti tal-osservazzjonijiet.

**Rat** l-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni numru 48/2014 kif allegati ma' l-atti ta' din l-istanza.

[6] Fol 214, b'dokumenti annessi a fol 215 sa 242.
[7] Verbal a fol 316.
[8] Verbal a fol 378.
[9] Fol 382
[10] Verbal a fol 395.
[11] Verbal a fol 417.
[12] Verbal a fol 418.
[13] Fol 431 sa 436.

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.**

**B. Provi:**

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Joseph Grima**, wieħed mill-atturi, muri pjanta a fol 7 tal-proċess tal-Mandat t'Inibizzjoni, xehed[14] illi hemmhekk tidher l-għalqa tagħhom l-atturi magħrufa bħala "Ta' Tuta" u sitwata fil-limiti ta' San Lawrenz. Jgħid li din dejjem kienet tal-familja ta' missieru. Iżid li fiha kienu jidirsu ż-żera.

Jgħid li l-konvenut kien kellmu sabiex jiltaqgħu sabiex isir ftehim biex huwa jidħol minn din l-għalqa sabiex ikun jista jaħdem fejn xtara.

Jgħid li kien hemm passaġġ għal-għalqa tagħhom li meta bena ħaddiehor u affetwah, (isemmi lil ċertu "il-Lik" u lil "Gozo Aluminium") kien irripristinah.

Jirreferi għal diversi ritratti fil-proċess tal-Mandat t'Inibizzjoni u jgħid li dawn juru l-passagg kif ukoll il-ħajt in mertu kif kienu qabel tkissru. Iżid li l-ħajt issa m'għadux hemm.

Jikkonferma li fuq il-pjanta a fol 7 fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni l-ħajt li jsemmi huwa mmarkat bl-ittri "X" u "Y".

Iżid li l-pjanta a fol 7 tal-proċess tal-Mandat t'Inibizzjoni kien għamilha l-Perit Clint Camilleri fuq inkarigu tal-konvenut. Jgħid li dakinhar li ttieħed il-kejl mil-Perit Camilleri kienu preżenti huwa u anke l-konvenut.

Jgħid li ttieħdet biċċa mill-għalqa tagħhom billi l-konvenut daħal minn fejn kien il-ħajt il-ġewwa. Iżid li tkisser il-passaġġ tant li ma' tistax tidħol fl-

[14] Fol 15 sa 19.

għalqa tagħhom. Iżid li l-passaġġ huwa dejjem jiftakru hemm u nbidel biss meta aktar tard ingħata l-konkos.

Muri ritratt ta' pedament a fol 27 tal-proċess tal-Mandat t'Inibizzjoni, jgħid li dak inbena ħażin u qiegħed totalment ġewwa l-għalqa tagħhom.

**Il-Perit John Saliba**, perit *ex parte* tal-atturi, xehed[15] illi huwa kien kejjel l-għalqa tal-atturi fi Frar tal-2001. Muri pjanta a fol 10 tal-proċess tal-Mandat t'Inibizzjoni jgħid li din hija pjanta li kien hejja huwa.

Jgħid li l-pjanta tiegħu turi li l-għalqa tal-atturi kellha ħitan fuq il-Grigal, il-Majjistral, u x-Xlokk bil-qasma qiegħda fuq ix-Xlokk. Iżid li fuq l-istess pjanta jidher passaġġ immarkat bl-oranġju li bih l-atturi kienu jaslu fl-għalqa minn Triq it-Torri.

Jgħid li minn dakinhar li hejja din il-pjanta huwa mar fl-għalqa meta sar l-aċċess fil-proċess tal-Mandat t'Inibizzjoni. Jispjega li dakinhar innota li fuq in-naħħa tal-Grigal tal-għalqa issa hemm il-bini bil-passaġġ m'għadux hemm. Iżid li l-ħajt diviżorju li kien hemm fuq il-Grigal tħammel (inqala) u allura m'għadux hemm.

Muri r-ritratt a fol 27 tal-proċess tal-Mandat t'Inibizzjoni jgħid li dan juri ħajt li suppost inbena flok dak tas-sejjiegħ li kien hemm qabel iżda fil-fatt qiegħed aktar il-ġewwa fl-għalqa tal-atturi. Jgħid li b'*survey* u peress huwa għandu l-qisien ta' qabel il-bdil, huwa jkun jista' jikkonferma kemm daħal il-ġewwa il-ħajt.

**In kontro-eżami**,[16] jgħid illi huwa ġie nkarigat mill-atturi. Jgħid li huwa mar fuq is-sit l-ewwel darba fl-2001 u bejn 2001 u l-2014 (dakinhar tal-aċċess fil-proċess tal-Mandat t'Inibizzjoni) ma' marx aktar.

Jgħid li l-ewwel darba li mar, sabiex waslu fl-għalqa huma għaddew mill-passaġġ li huwa mmarka fil-pjanta. Iżid li dan ma' kienx il-każ meta mar aktar tard għaliex fejn qabel kien il-passaġġ kien inbena.

---

[15] Fol 20 sa 23.
[16] Fol 23 sa 24.

**In re-eżami**,[17] jiddikjara li jista jipprepara pjanta li turi l-passaġġ kif kien originarjament, x'baqa' minnu, u x'inbidel fih, kif ukoll fejn qiegħed il-ħajt illum.

**Xehed ulterjorment**[18] illi l-pjanta a fol 32 tal-proċess turi l-għalqa kif inhi llum b'ħajt li nbena bil-kantun immarkat bħala *"new masonry wall (560mm thick)"*. Iżid li l-pjanta a fol 33 hija l-istess bħal dik a fol 32 iżda b'fuqha hemm *superimposition* tal-għalqa (bil-kulur blu) kif kienet meta huwa kejjel fl-2001. Jgħid li dan juri fejn kien il-ħajt tas-sejjiegħ (immarkat bħala *"formerly existing dry-stone wall"*) u fejn qiegħed issa l-ħajt li nbena bil-kantun.

Rigward ir-ritratti mill-ajru (a fol 34, 35, u 36) jgħid li dak a fol 36 tal-2004 juri l-għalqa u l-ħajt tas-sejjiegħ qabel kwalunkwe' żvilupp. Jgħid li l-istess jidher f'ta' l-2008 a fol 35 bil-ħajt tas-sejjiegħ għadu integru. Iżid li f'ta' l-2012 xorta jidher il-ħajt tas-sejjiegħ għax dan ittieħed qabel inqalat il-kwistjoni.

**In kontro-eżami ulterjuri**, xehed[19] illi r-ritratti mill-ajru a fol 34 sa 36 tal-proċess kienu meħuda mis-sit tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Jinsisti li l-passaġġ li jidher abjad fir-ritratt a fol 34 jasal sat-triq, u jekk mhux abjad sat-triq dan huwa probabbilment għax parti minnu konkos u parti oħra le.

Muri l-pjanta a fol 10 tal-proċess tal-Mandat t'Inibizzjoni, jgħid li dik fotokopja ta' waħda bil-firma tiegħu. Jgħid li l-passaġġ immarkat fuqha bl-isfar huwa kif jinsab illum. Jippreżenta pjanta a fol 176 tal-proċess fejn jindika bl-oranġju l-passaġġ kif kien fl-2001.

Jgħid li meta huwa mar fuq is-sit fl-2001 għaddew minn dak il-passaġġ. Jinsisti li l-art kienet għalqa maħduma.

**Raymond Grima**, wieħed mill-atturi, xehed[20] illi fl-għalqa in mertu huma kienu jidirsu ż-żera' u wara jiżirgħu l-ful.

[17] Fol 24 sa 25.
[18] Fol 42 sa 44.
[19] Fol 165 sa
[20] Fol 26 sa 29.

Jgħid li fil-passat, ftehmu ma' tal-Gozo Aluminium, li bnew l-appartamenti viċin, sabiex jitressaq il-passaġġ bil-ftehim ġie onorat wara li tlesta l-bini.

Jispjega li l-passaġġ kien jgħaddi minn nofs l-għalqa tal-Gozo Aluminium u jwassal għal ġo tagħhom bil-Gozo Aluminium għalhekk għamlitulhom għal-ġenb u tagħtu l-konkos. Jgħid li għalhekk bdew jidħlu minn Triq il-Ġebla tal-Ġeneral minflok minn Triq it-Torri.

Jgħid li llum ma' baqalhomx aċċess għal-għalqa.

Jiċċara li l-Gozo Aluminium ma' kienux bidlu l-passaġġ kollu iżda biss il-parti ġejja minn Triq it-Torri fejn din dawruha għal Triq il-Ġebla tal-Ġeneral sabiex il-passaġġ ma' baqax f'nofs l-għalqa li żviluppat l-istess Gozo Aluminium.

Muri r-ritratt a fol 7 tal-proċess tal-Mandat t'Inibizzjoni jispjega li l-konvenut neħħilhom il-passaġġ b'dan li huma ma' jistgħux jidħlu fl-għalqa tagħhom. Iżid li l-konvenut daħal ġo tagħhom. Jgħid li dan seħħ meta huma kienu anke akkomodawh jgħaddi mill-għalqa tagħhom sabiex ikun jista jibni.

Muri r-ritratt a fol 24 tal-proċess tal-Mandat t'Inibizzjoni jgħid li dan juri l-passaġġ li qala' il-konvenut. A fol 27 tal-istess proċess tal-Mandat t'Inibizzjoni jagħraf ritratt li skont huwa juri ħajt mibni mill-konvenut għal ġewwa tagħhom.

**In kontro-eżami**,[21] jgħid illi fi żmien meta fejn tagħhom kien għadu kollu għelieqi, huma kienu jgħaddu minn passaġġ fejn imbagħad sar żvilupp. Jgħid li meta sar l-iżvilupp tal-Gozo Aluminium ma' baqgħux jgħaddu minn Triq it-Torri iżda bdew jgħaddu mit-triq tad-Dwejra fejn il-Gozo Aluminium għamlulhom passaġġ ġdid bil-konkos. Jgħid li mal-Gozo Aluminium tkellmu kemm huwa u kemm ħuh Joseph, qablu, u l-ftehim kien onorat. Jgħid dan għaliex il-Gozo Aluminium kienu jafu li hemm passaġġ minn Triq it-Torri u ma' setgħux iħalluh hekk għax kien ġej f'nofs il-bini.

Jerġa jgħid li qabel żviluppat il-Gozo Aluminium huma kienu jgħaddu minn Triq it-Torri. Iżid li l-għalqa tagħhom tinħadem minnhom iżda dan l-

[21] Fol 82 sa 90.

aħħar ma' setgħux jaċċedu għalija. Jgħid li l-aħħar li nħadmet l-għalqa tagħhom kien kemm ilu li sar l-iżvilupp tal-konvenut. Iżid li llum ma' jistgħux jaħdmuha għax ma' ħallilhomx aċċess.

Jgħid li qabel ġiet rikonoxxuta ommu mad-Dipartiment tal-Artijiet, il-qbiela kien iħallasha missieru. Iżid li jaħseb li l-ħlas kien isir lill-Knisja stante li hemmhekk kien tal-Knisja mbagħad inqaleb fuq il-Gvern.

Muri diversi dokumenti maħruga jew ittimbrati mid-Dipartiment tal-Artijiet jgħid li ma jarafhomx bħala tal-għalqa jew li jirreferu għal-għalqa tagħhom.

**Il-Perit Clint Camilleri** xehed[22] illi huwa kien inkarigat jieħu xi kejl mill-konvenut u dan peress li l-konvenut ried jagħmel xi xogħol f'art tiegħu. Iżid li l-konvenut infurmah li kien hemm ħajt tas-sejjiegħ li kien ser ikollu jintmess u għalhekk rid li jkollhom rekord ta' fejn kien.

Muri pjanta a fol 7 tal-proċess tal-Mandat t'Inibizzjoni jikkonferma li dik hija l-pjanta li rrediga huwa dakinhar. Jikkonfrma wkoll li fuqha l-ħajt tas-sejjiegħ in kwistjoni jidher immarkat bl-ittri "X" u "Y".

Jgħid li fuq dan is-sit huwa mar biss dik id-darba, meta l-ħajt tas-sejjiegħ kien għadu fuq il-post.

**In kontro-eżami,**[23] xehed illi meta huwa mar fuq is-sit, kemm l-għalqa ta' wara l-bini tal-konvenut kif ukoll dik ta' taħta, wara l-ħajt tas-sejjiegħ, li tiġi ta' l-atturi, it-tnejn kienu żdingati. Jinsisti li huwa għamel biss *survey* ta' li kien hemm.

**Philip Bonnici**, in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet, xehed[24] illi l-artijiet fl-inħawi "Ta' Tuta" fil-limiti ta' San Lawrenz ġew għand l-Awtorita' tal-Artijiet mingħand il-Knisja. Jippreżenta kopja tal-ftehim mal-Knisja u pjanta tal-kontrada "Ta' Tuta". Jgħid li fl-għalqa ndikata lilu kien hemm bidwi. Iżid li sabiex jikkonferma l-identita' tal-bidwi jkollu jagħmel riċerka ulterjuri.

---

[22] Fol 45 sa 47.
[23] Fol 80 sa 81.
[24] Fol 48 sa 50.

**In kontro-eżami**, xehed[25] illi l-konvenut kien xtara porzjon art ta' 235 metri kwadri mingħand il-Gvern. Jeżebixxi kopja tal-kuntratt ta' akkwist u pjanta fejn l-art tidher bl-ittra "A".

Jgħid li sabiex saret din il-kompravendita' kien hemm talba mil-konvenut li ġiet ikkunsidrata. Jgħid li ġie deċiż li l-art tingħata b'ċens perpetwu.

Iżid li ma' jintbgħat ħadd minn naħħa tad-Dipartiment sabiex jieħu l-kejl iżda l-akkwirent jintalab jagħmel *survey* huwa bid-Dipartiment jistrieh fuq dak. Jgħid iżda li huma jikkonfermaw is-*survey* mas-sit elettroniku li turihom l-art tramite s-satellita'. Iżid li f'dan il-każ, l-art proposta għall-akkwist mil-konvenut kienet *bound* minn kull lat allura ma' kienx hemm diffikolta' sabiex tiġi identifikata. Jgħid li għalhekk il-Gvern hawnhekk għaddha qies preċiż ta' 235 metri kwadri.

**In re-eżami**[26] jirreferi għal ritratt mill-ajru li jeżebixxi a fol 74 tal-proċess. Jgħid li l-konvenut akkwista l-porzjon art li jimmarka bl-ittra "A". Jiċċara li l-konvenut akkwista żewġ porzjonijiet art li flimkien kienu *bound* mill-erba' naħħat. Iżid li huwa ma' jafx liem'hi l-porzjon art ta' l-atturi iżda jgħid li jekk din hija kif suġġerit lilu, hemmhekk jidhirlu li din kienet separata mill-porzjonijiet li akkwista l-konvenut permezz ta' ħajt tas-sejjiegħ.

Jippreżenta dokumenti a fol 53 sa 74 tal-proċess li jikkonsistu fil-ftehim tal-Knisja mal-Awtorita' tal-Artijiet (fol 53), pjanta li turi l-inħawi "Ta' Tuta" (fol 54), irċevuta ntestata lil Mary Therese Grima għal ħlas ta' ċens fuq l-għalqa "Ta' Tuta" għas-snin 1998 sa 2014 (fol 55) dokumenti rigward skema sabiex tingħata qbiela (fol 56 sa 65), kuntratt datat il-21 ta' Ġunju, 2012 ta' akkwist b'titolu ta' emfitewsi perpetwa mil-konvenuti mingħand il-Gvern ta' Malta ta' porzjon art ta' 235 metri kwadri fil-kontrada "Ta' Tuta" (fol 66 sa 72), pjanta li turi l-porzjon art suġġetta għal-kuntratt ta' akkwist tal-21 ta' Ġunju, 2012 (fol 73), ritratt mill-ajru li fuqu mmarka l-porzjon art akkwistata mill-konvenuti bl-ittra "A" (fol 74).

**Gaetano Schembri**, uffiċjal tekniku mad-Dipartiment tal-Artijiet, xehed[27] illi huwa kien mar jiltaqa' mal-konvenut sabiex jagħtih il-punti wara li sar

[25] Fol 50 sa 51.
[26] Fol 51 sa 52.
[27] Fol 91 sa 97, b'dokumenti a fol 98 sa 112.

il-kuntratt miegħu. Iżid li dan kien fl-2012 (il-kuntratt infatti sar f'Ġunju, 2012). Jgħid li mbagħad, fl-2014, id-Direttur tiegħu, li jsemmi bħala Charles Camilleri, bagħtu jerġa' jagħmel il-punti għax dawn kienu tneħħew.

Jgħid li sabiex għamel il-punti huwa mexa' mal-qisien fil-pjanta msejħa *"PD Plan"* magħmulha minn kollega tiegħu. Isemmi lil dan il-kollega bħala Ray Demicoli.

Jgħid li huma m'għamlux proprja *surveying* għax biex tagħmel hekk trid tmur bi strument.

Jippreżenta pjanta li jgħid li hija ta' mal-kuntratt (a fol 78) u oħra fejn għamel linji dijagonali dakinhar li mar sabiex jagħti l-punti (a fol 79).

Jippreżenta sensiela ta' ritratti a fol 98 sa 112 u jgħid li dawn juru: a fol 98 il-pjanta li kien hemm mal-kuntratt, dik li huma jgħidulha il-*"PD Plan"*. Jgħid li din turi żewġ porzjonijiet art immarkati bl-ittri "A" u "B", b'waħda minnhom hija tal-konvenut. Iżid li r-ritratti a fol 99 u 100 juru uħud mill-punti (marki b'zebgħa safra) li għamel huwa. Iżid li a fol 101 tidher parti minn sit li jaħseb li hija s-sit ta' wara jew parti minnha. Jgħid li hawn fejn suppost telgħa l-ħajt. Jgħid li a fol 102 u 103 jidhru l-faċċati tal-bini minn angoli differenti. Iżid li a fol 104 jidher il-ħajt diviżorju ta' bejn iż-żewġ porzjonijiet art "A" u "B". Jispjega x'juru l-kumplament tar-ritratti nkluz li dawk a fol 106 sa 109 juru n-naħħa ta' wara taż-żewġ porzjonijiet art minn angoli differenti mentri dawk a fol 110 sa 112 juru ż-żewġ porzjonijiet fl-iżvilupp tagħhom.

Jimmarka fuq il-pjanta a fol 98 minn fejn huma meħudin ir-ritratti a fol 104, 105, 110, 111, u 112.

**Charles Grasso**, in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet, xehed[28] illi l-konvenut akkwista xi art mingħand il-Gvern. Jgħid li wara dan sar kuntratt ta' qbiela mal-attriċi Maria Theresa Grima fejn bi żball sar *encroachment* fuq l-art mibjugħa lill-konvenut. Iżid li għalhekk ħarġu korrezzjoni.

[28] Fol 121 sa 130.

Muri l-pjanta a fol 73 u dik a fol 64 jgħid li a fol 64 tidher l-art suġġetta għal qbiela favur Maria Theresa Grima fejn bi żball ħabbtu mal-ħajt tas-sejjiegħ li ma' kienux jafu li din il-biċċa kienet diġa nbiegħet lill-konvenut. Jgħid li għalhekk emendaw l-iżball billi ħarġu pjanta PD oħra. Iżid li mis-*survey* irriżulta li l-ħajt rid jersaq xi metru l-isfel.

Mistoqsi mil-Qorti, jaqbel li l-qbiela tal-attriċi Maria Theresa Grima kien ilha għaddejja u hija applikat għar-rikonoxximent fl-2000 mentri l-bejgħ lill-konvenut sar fl-2014. Jikkonferma li fl-2000 l-attriċi Maria Theresa Grima qaltilhom li qed taħdem dik l-art, fil-mori biegħu parti mill-istess lill-konvenut, imbagħad meta ġew sabiex jikkonkludu r-rikoxximent mal-attriċi ndunaw bl-iżball u kkoreġewh. Mistoqsi mil-Qorti kif iddeċidew li l-iżball kien tal-attriċi mhux tal-konvenut jgħid li mal-bejgħ sar *survey* minn uffiċjal tagħhom minn fejn irriżulta li l-ħajt kellu jersaq metru n-naħħa fejn kienet qed taħdem l-attriċi Maria Theresa Grima.

Jgħid li l-korrezzjoni saret fit-22 ta' Lulju, 2015 u allura waqt l-andament tal-kawża. Jippreżenta kopja tal-pjanta korretta a fol 120.

**In kontro-eżami**,[29] jgħid illi jista jkun li hemm kuntratt korrett iffirmat mal-attriċi Maria Theresa Grima u jista jkun għadu pendenti. Iżid li ma jafx x'ħitan tas-sejjigħ kien hemm qabel beda' x-xogħol il-konvenut.

Mistqosi jistax jikkonferma li qalu kollegi tiegħu li l-pjanta ġiet redatta u mgħoddija lilhom mil-konvenut stess, jinsisti li dan mhux minnu u li l-pjanta għamilha *surveyor* tagħhom. Jgħid li dan jirriżulta mil-pjanta a fol 73 tal-proċess fejn taħt il-kliem *"drawn by"* hemm "demir001" li huwa jagħraf bħala kodiċi ta' kollega tieghu; Ray Demicoli. Jgħid li Ray Demicoli għamel is-*survey* qabel inhareġ it-tender. Iżid li mil-pjanta ta' Ray Demicoli jidher li dan mexa mal-ħitan tas-sejjiegħ.

Jiċċara li huma ddeċidew li sar żball wara li raw li art li kienet bi qbiela tal-Knisja u għaddiet lill-Gvern huma kienu biegħu parti minnha. Jgħid li l-porzjon mibjugħ ma' laħaqx tnizzel fis-sistema allura x'ħin ġew għal-qbiela kien għadu mhux imdaħħal il-bejgħ.

[29] Fol 130 sa 138.

Jinsisti li jekk kien hemm art qbiela li inbiegħet biċċa minnha, huma jridu imbagħad jimxu mal-bejgħ. Iżid li t-tieni pjanta, tal-korrezzjoni (a fol 120), saret mill-kollega tiegħu Osterius Aquilina.

**Charles Camilleri**, Direttur tad-Diviżjoni tal-Immaniġġjar tal-Proprjeta' fi ħdan id-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern, xehed[30] illi rigward il-porzjon art li għadda għand il-konvenut mill-Gvern fl-inħawi "Ta' Tuta" fil-limiti ta' San Lawrenz kien inħareġ *tender* fl-20 ta' April, 2012. Jgħid li għal dan għamlu offerta l-konvenuti biss. Iżid li wara dan sar il-kuntratt mal-Gvern nhar il-21 ta' Ġunju, 2012.

Jgħid li l-proprjeta' kienet għaddiet ghand il-Gvern mil-Knisja.

Jgħid li l-pjanta tkun ġiet interpretata minn *survey sheet* ossia, pjanti mill-ajru. Jirreferi għal-pjanta annessa mal-kuntratt ta' akkwist tal-konvenuti u jgħid li fejn din tindika *file no* dan ifisser li l-pjanta tkun ġiet interpretata minn pjanta oħra.

Jobbliga ruħu li jeżebixxi kopja bil-kulur tal-pjanta.[31]

Jgħid li wara li nħareġ it-*tender* seta' japplika għall-akkwist kull min ried. Jgħid li bit-*tender* il-proprjeta' ġiet offruta għal *gardening purposes* fuq ċens perpetwu.

Jgħid li huwa qatt ma mar jivverfika kienx diġa hemm xi ħadd fil-proprjeta' offruta bit-*tender*. Jgħid li jekk saru verifiki rigward dan dawn ikunu saru mid-Direttur, is-Sur Vince Gilson.

Jgħid li eventwalment tneħħa ħajt fil-proprjeta' li akkwistaw il-konvenuti. Jgħid li huwa ġie mitlub jibgħat lil xi ħadd jagħmel il-marki ta' fejn kellu jitla l-ħajt. Jgħid li hekk għamel u l-marki saru abbażi tal-pjanti tal-bejgħ u taċ-ċens.

Jgħid li fl-2001, permezz ta' skema, saret applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-attriċi Maria Theresa Grima. Jgħid li ċ-ċens li ngħata lill-konvenuti ma' kienx ġie mmarkat. Iżid li għalhekk meta nħadmet l-applikazzjoni għar-

[30] Fol 143 sa 160.
[31] Ezebixxa l-istess b'nota tal-11 ta' Dicembru, 2015, a fol 178 sa 179.

rikonoxximent tal-attriċi Maria Theresa Grima taħt l-iskema sar *overlap* ta' strippa dejqa art li kienet diġa ġiet trasferita lill-konvenuti.

Jgħid li l-pjanti jkun tagħhom lid-Dipartiment minn japplika.

Jiċċara li l-applikazzjoni tal-attriċi daħlet fl-2001, il-kuntratt mal-konvenuti sar fil-21 ta' Ġunju, 2012. Jgħid li għall-applikazzjoni tal-2001 kien hemm 'indikazzjoni'. Mistoqsi mill-Qorti jgħid li meta sar il-kuntratt fl-2012 ħadd mid-Dipartiment ma' induna bl-indikazzjoni tal-2001.

Jgħid li kien huwa li meta ndunaw bl-iżball talab li jsiru pjanta u kuntratt emendati u jibgħatu għall-attriċi sabiex issir il-korrezzjoni tal-kuntratt ta' qbiela li kellha l-attriċi u li kien jinkludi l-istrippa art li semma.

Jgħid li mbagħad intbgħat *draughtsman* tagħhom sabiex jimmarka il-qasma u fejn kellu jittella' ħajt bejn l-art qbiela għand l-attriċi Maria Theresa Grima u dik b'ċens għand il-konvenuti. Jgħid li mir-ritratti jidher li l-għelieqi ma' kien jaħdimhom ħadd għax tħarbit kien hemm. Jgħid li d-*draughtsman* mar, għamel il-marki, u ħa r-ritratti tagħhom.

**In kontro-eżami**,[32] muri l-pjanta a fol 120 tal-proċess jikkonferma li dik hija l-pjanta kif korretta. Rigward il-linji li jidhru fuq l-istess pjanta jgħid li dawk juru li jew hemm, jew xi darba kien hemm ħajt. Jaqbel li kif korretta l-pjanta jidher li fejn twassal il-linja tal-perimetri tagħha qatt ma kien hemm ħajt. Jaqbel li l-pjanta kif kienet qabel kienet tasal sal-linja li tindika ħajt. Jgħid li ħajt jifred proprjeta' minn oħra pero' f'dan il-każ, iż-żewġ proprjetajiet fuq kull naħħa tal-ħajt kienu tal-Gvern li seta jiddisponi minnhom kif irid. Iżid li l-Gvern ma kienx marbut ibiegħ sal-ħajt.

Jaqbel li l-pjanta mehmuża mat-*tender* saret minn interpretazzjoni ta' ritratti mill-ajru, mhux min *survey* proprju. Jgħid li huwa ma' ddeċidiex li żball ta' interpretazzjoni jbagħtuh l-atturi mhux il-konvenuti. Iżid li għandu l-kwistjoni waslet bħala fatt kompjut. Iżid li huwa sab li l-Gvern trasferixxa b'ċens biċċa art li kienet fi qbiela għand ħaddieħor u żamm mat-trasferiment.

Iżid li għalkemm it-*tender* inħareġ sabiex l-art tintuża *for gardening purposes,* l-Awtorita' ma' tinvestigax x'użu qiegħed isir minnha.

---

[32] Fol 160 sa 164.

**Prof. Mario Vassallo**, xehed[33] illi huwa għandu appartament fi Triq it-Torri, San Lawrenz. Jgħid li xi snin ilu akkwista wkoll għalqa wara dan l-appartament wara *tender* li nħareġ mill-Gvern. Jgħid li huwa akkwista il-porzjon "B".

Iżid li huwa ffirma l-kuntratt mal-Gvern fil-21 ta' Ġunju, 2012.[34]

Jgħid li dakinhar li ffirma hu ffirmaw ukoll il-konvenuti li ħadu l-porzjon "A".

Muri r-ritratt mill-ajru a fol 34 tal-proċess, jindika fuqu bl-inizjali tiegħu l-blokka li fiha jinsab l-appartament tiegħu kif ukoll l-għalqa tiegħu. Jiċċara li ma' jidhirx sinjal bejn l-għalqa tiegħu u dik tal-konvenuti iżda dawn huma separati u biswiet xulxin.

Jgħid li meta huwa ħa l-għalqa tiegħu din kienet mitluqa kif kienet ukoll l-għalqa ta' warajha.

Jgħid li immedjatament meta akkwista l-art huwa talab lid-direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jagħti l-linja tal-qasma kemm bejn l-għalqa tiegħu u dik tal-konvenuti kif ukoll bejn tiegħu u ta' warajh. Jgħid li kien magħrraf li warajh kien f'idejn mara anzjana. Jgħid li ġew għamlu xi marki biż-żebgħa liema marki mbagħad sparixxew. Iżid li kien dakinhar li tawh il-pjanti bil-linja u qisien eżatti biex anke meta jibnu l-ħajt jinbena eżatt.

Iżid li marki saru kullimkien, inkluż in-naħħa tiegħu u tal-konvenut.

Obbliga ruħu li jippreżenta kopji tat-*tender,* il-kuntratt tiegħu, il-pjanta mogħtija lilu, u rapport li huwa għamel mal-pulizija meta sparixxew il-marki li għamlu d-Dipartiment tal-Artijiet. Jagħti r-referenza tar-rapport li għamel mal-pulizija bħala 10/Z/3667/2014.[35]

---

33 Fol 183 sa 206.

34 It-trasferiment tal-porzjon "B" favur ix-xhud Prof. Mario Vassallo u d-data tal-kuntratt ta' trasferiment bhala dik tal-21 ta' Gunju, 2012 huma kkonfermati bil-kopja tal-ftehm li x-xhud iffirma mal-Gvern kif ezebit a fol 228 sa 234, bil-pjanta annessa a fol 235.

35 Id-dokumenti gew ezebiti permezz ta' nota a fol 214.

Jgħid li l-marki tneħħew darbtejn. Jispjega li saru fl-2012, meta huwa ma' kienx finanzjarjament komdu jibni l-ħajt, u reġgħu saru xi sentejn wara. Jgħid li dawn tneħħew għat-tieni darba u fuq dan huwa għamel ir-rapport mal-pulizija kif semma qabel.[36]

Jgħid li wara tiegħu hemm oħrajn mhux l-atturi. Jgħid li sar jaf li l-atturi ma' kienux kuntenti bil-qasma kif magħmulha mill-Gvern. Iżid li dan qalulu l-konvenut.

Jgħid li huwa l-għalqa tiegħu akkwistaha b'ċens perpetwu.

Jispjega li l-għalqa tiegħu tmiss ma' dik tal-atturi biss mil-kantuniera tagħha fejn tmiss ukoll ma' tal-konvenuti.

Jispjega li huwa u l-konvenuti għamlu l-kuntratt ta' ċens mal-Gvern flimkien iżda kienu jafu fejn'hu ta' min u nfatti bnew il-hajt tal-qasma bejniethom mingħajr problemi.

**Raymond Gatt**, il-konvenut, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[37] Jiddikjara li huwa applika sabiex akkwista għalqa b'titolu ta' ċens wara li nħarġet sejħa għal dan b'*tender* fis-sena 2012. Iżid li l-art kienet tal-Uffiċju Konġunt li aċċetta l-offerta tiegħu u sejjaħlu sabiex jiffirma kuntratt.

Jgħid li l-kuntratt iffirmah nhar il-21 ta' Ġunju, 2012 flimkien ma' martu, il-konvenuta. Jgħid li applika wkoll Prof. Mario Vassallo. Iżid li huwa u martu ħadu l-porzjon "A" mentri Prof. Vassallo ħa l-porzjon "B".

Iżid li l-kejl tal-art ingħata mid-Dipartiment tal-Artijiet. Jgħid li huwa applika skond dak il-kejl u dak ġie assenjat lilu. Jgħid li dakinhar stess li hu u martu kif ukoll Prof. Vassallo ffirmaw il-kuntratti relattivi talbu lid-Dipartiment tal-Artijiet jibgħat *surveyors* sabiex jagħmlu l-marki ta' fejn kienu akkwistaw. Jgħid li dawn marru wara xi ġimgħa u għamlu l-marki iżda xi ġimgha oħra wara dan il-marki sparixxew.

Jgħid li huwa imbagħad ġie sabiex jibni l-pedamenti allura reġgħu bagħtu għas-*surveyors*. Iżid li dawn reġgħu ġew u reġgħu għamlu l-marki. Jgħid li

[36] Dan huwa kkonfermat mil-kopja tar-rapport tal-pulizija numru 10/Z/3667/2014 a fol 215 sa 216 liema rapport sar nhar it-29 ta' Settembru, 2014 mix-xhud Prof. Mario Vassallo rigward it-tnehhija tal-marki.
[37] Fol 253 sa 255, b'dokumenti annessi a fol 256 sa 266.

kienu l-istess *surveyors* li marru l-ewwel darba. Iżid li huwa beda jibni l-ħajt eżatt mal-marki li għamlu s-*surveyors*.

Iżid li huwa kellu appartament jagħti fuq l-għalqa minn zmien qabel u fih kien ikun kull *weekend*. Jgħid li fl-għelieqi qatt ma' ra' lil ħadd u ma' kienux jinħadmu. Jgħid li anqas wara li akkwista l-għalqa tiegħu ma' qatt ra lil ħadd hemm jew xi ħadd qallu ma' jidħolx hemm, anqas meta kien ikun jaqla l-ħaxix ħażin minnha b'mod regolari. Iżid li fl-għalqa li tidher li hi tal-atturi qatt ma' ra lil ħadd anqas. Jgħid li l-kwistjonijiet inqalgħu biss meta ġie sabiex jibni l-ħajt tiegħu u tal-Prof. Vassallo.

Jikkonferma li meta ġie sabiex jidħol bl-inġenji biex jibda x-xogħol ta' kostruzzjoni huwa talab permess lill-atturi peress li bl-inġenji ried imur oltre l-porzjon li akkwista mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet. Iżid li kien jaf fejn hu tiegħu iżda talab permess għax ried jgħaddi minn parti mill-għalqa ta' Maria Theresa Grima.

Jannetti kopja ta' l-offerta tiegħu għat-tender (fol 256 sa 257), tal-ittra ta' aċċettazzjoni tal-offerta tiegħu (fol 258), u ta' dokumenti ta' titolu, (fol 259 sa 266).

**Peter Mamo**, Kummissarju tal-Artijiet, xehed[38] illi ma' l-attriċi Maria Theresa Grima kien sar kuntratt ta' qbiela. Iżid li l-pjanta annessa mal-istess kienu bbażati fuq pjanti li kellhom ir-Reġistru tal-Artijiet. Jgħid li dawn ma' jkunux tant preċiżi bil-konfini bejn proprjeta' u oħra ma jkunux neċessarjament eżatti.

Jgħid li l-intenzjoni kienet li l-qbiela tkun sal-ħajt diviżorju.

Iżid li fl-istess żmien kien hemm kuntratt ta' ċens mal-konvenuti. Jgħid li dan il-kuntratt ta' ċens sar qabel dak ta' qbiela għax sar fil-21 ta' Ġunju, 2012. Jgħid li l-pjanta li ntużat għal kuntratt ta' ċens kienet aktar antika b'dan li, meta ġie rreġistrat iċ-ċens, u saret il-pjanta tal-qbiela tal-attriċi Maria Theresa Grima, irriżulta *overlap.* Jispjega li l-intenzjoni kienet li dawn ikunu jmissu ma' xulxin b'ħajt diviżorju bejniethom.

[38] Fol 274 sa 290.

Jgħid li minħabba l-*overlap* bagħtu għal Maria Theresa Grima peress li hija kellha kuntratt ta' qbiela li sar wara ċ-ċens. Iżid li ntalbet li ssir korrezzjoni billi jitnaqqas porzjon fejn kien hemm l-*overlap*, b'aġġustament ukoll fil-ħlas dovut. Jgħid li Maria Theresa Grima ma' marritx tiffirma.

Iżid li l-qbiela oriġinali għadha *in vigore* avolja huma bagħtu għal Maria Theresa Grima sabiex issir il-korrezzjoni.

Mistoqsi mill-Qorti rigward il-ħajt diviżorju li kien hemm jgħid li ma jafx jekk dan tneħħiex u li huwa fuq il-post ma' marx u ma' jidhirx li xi ħadd mid-Dipartiment mar.

Jeżebixxi pjanta li sar iċ-ċens fuqha b'*superimposition* tal-pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet li turi d-diskrepanza li semma (fol 291). Jgħid li mil-fajl tiegħu ma' jirriżultax li xi ħadd mar fuq il-post sabiex jivverifika eżatt x'qed jiġri.

Jgħid li l-ftehim tal-qbiela sar fl-2014, wara dak ta' ċens li għandhom il-konvenuti li sar fl-2012. Jispjega iżda li kien hemm arretrati ta' qbiela li tħallsu sa' Awwissu tal-2014.

Jinsisti li l-pjanta taċ-ċens li ngħatat lill-konvenuti qatt ma' nbidlet. Kienet dik tal-qbiela tal-atturi li kellha tinbidel minħabba l-*overlap*.

Jgħid li qabel sar il-kuntratt tal-qbiela, l-għalqa in kwistjoni kienet diġa fil-pussess ta' l-atturi. Jgħid li il-kuntratt ta' ċens (tal-konvenuti) sar fl-2012. L-applikazzjoni għal-qbiela (tal-atturi) saret bl-iskema tal-2000. Iżid li l-atturi kienu fil-pusses tal-għalqa qabel l-2000.

Jispjega l-pjanta a fol 291 tal-proċess u jimmarka l-art tal-konvenuti u l-art tal-atturi. Jindika li fil-linja ta' diviżjoni l-linji ħomor u blu li jiddelinjaw dawn iż-żewġ artijiet huma fuq xulxin għaliex hemmhekk hemm l-*overlap*.

Jinsisti li l-intenzjoni dejjem kienet li kemm il-porzjon assenjat lill-konvenuti kif ukoll dak miżmum mill-atturi kellhom jaslu u jiltaqgħu sal-ħajt eżistenti pero' minħabba diskrepanzi fil-pjanti li ntużaw ġara mod ieħor. Jgħid li anke l-angolatura li jkun ittieħed ritratt mill-ajru jew dell jaffetwa l-interpretazzjoni tal-pjanti.

**Xehed ulterjorment**[39] illi f'dan l-istadju marru fuq il-post bil-pjanti. Jgħid li l-pjanta tal-atturi kienet ġiet ippreżentata lid-Dipartiment fl-2001 ma' l-applikazzjoni tal-iskema għal-qbiela. Iżid li tal-konvenuti kienet saret mid-Dipartiment fl-2012 minħabba l-kuntratt ta' ċens. Iżid li l-pjanta tal-konvenuti saret abbażi ta' *survey* li pproduċew huma stess.

Jgħid li fuq il-post qablu l-pjanti kif ukoll ir-ritratti tas-sattellita' għas-snin 1998, 2004, 2008, u 2012.

Jeżebixxi sensiela ta' rtiratti a fol 310 sa 315. Jgħid li l-passaġġ oriġinali kien mil-linja bejn konkos u konkos li tidher fir-ritratt numru 6 lejn ix-xellug.

Jirreferi għar-ritratt numru 24 a fol 313 fejn jgħid li l-ħajt tal-kantun li jidher hemm żgur li mhux il-linja ta' diviżjoni idża qiegħed f'art tal-Gvern. Jgħid ukoll li l-*inspection box* li tidher f'dan ir-ritratt u li taqdi lill-konvenuti qiegħda wkoll in parti fil-proprjeta' tal-Gvern.

Jgħid li huma ħadu l-qisien u rriżulta li l-qisien mogħtija lill-konvenuti u l-Prof. Vassallo maċ-ċens jaqgħu fuq fejn kien il-ħajt tas-sejjiegħ ta' bejn l-għelieqi.

**In kontro-eżami**[40] riferut għal-pjanta magħmulha mill-Perit Clint Camilleri fl-2014 fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni li turi eżatt fejn kien il-ħajt tas-sejjiegħ qabel twaqqa' mill-konvenuti jgħid illi l-istess qatt ma' ġiet għandu qabel. Riferut ukoll għal-pjanti magħmulha mil-Perit John Saliba jgħid l-istess.

Rigward ir-ritratt mill-ajru eżebit minnu a fol 315 jgħid li hemmhekk jidher li l-passaġġ li jidher abjad ma' jwassalx sa' l-artijiet mogħtija b'ċens (lill-konvenuti u l-Prof. Vassallo).

**Xehed ulterjorment**[41] illi sar aċċess fuq is-sit mal-partijiet. Jgħid li rriżulta li l-art mogħtija b'ċens lill-konvenuti kienet ibbażata fuq pjanta ta' reġistrazzjoni li saret mar-Reġistru tal-Artijiet. Jgħid li fil-pjanta tar-reġistrazzjoni kienet nieqsa bitħa tal-konvenuti li nbniet qabel ingħata ċ-ċens. Iżid li għalhekk, jekk wieħed ikejjel mil-ħajt tal-bitħa u jiġbed il-qisien mgħoddija b'ċens ser imur oltre l-ħajt tas-sejjiegħ. Jippreżenta ritratt a fol 352 u jispjega dan fuqu.

[39] Fol 293 sa 305.
[40] Fol 305 sa 309.
[41] Fol 326 sa 351.

Jippreżenta pjanta tal-1964 a fol 353. Jgħid li din turi l-għelieqi kif kienu dak iż-żmien. Jimmarka fuqu l-ħajt tal-bitħa msemmija qabel kif ukoll ħajt mibni bil-kantun. Jispjega li l-konvenuti u Prof. Vassallo għandhom sa fejn tidher il-linja ħamra fuq din il-pjanta li, ikkalkolata kif suppost mill-ħajt tal-binja mhux minn dak tal-bitħa, twassal sal-ħajt tas-sejjiegħ oriġinali. Iżid li l-ħajt tal-kantun li raw fuq il-post qiegħed aktar l-isfel.

Jgħid li ħa minn ħa l-qisien, jekk hux il-konvenut jew ħaddiema tad-Dipartiment, dawn ittieħdu ħażin.

Jippreżenta *superimposition* a fol 354 u jgħid li kieku l-qisien ittieħdu sew (mil-ħajt tal-binja mhux tal-bitħa), il-linja ħamra mmarkata "X" sa "Y" kienet taqa' fuq dik sewda immarkata "A" sa "B" li turi fejn kien il-ħajt tas-sejjiegħ li twaqqa.

Iżid li dan kollu kkonfermah mal-pjanta ppreżentata mill-atturi meta applikaw taħt l-iskema għal-qbiela fl-2001. Jeżebixxi kopja ta' din il-pjanta a fol 355. Jgħid li din kien għamilha l-perit tal-atturi stess, John Saliba, fl-2001 skond id-data li tidher fuqha.

Jgħid li l-passaġġ li suppost iwassal għal-għelieqi tal-atturi llum huwa *dead end*, jispiċċa mal-ħajt tal-konvenuti. Jippreżenta ritratt mill-ajru a fol 356 li juri dan. Jgħid li llum, il-konvenuti bnew l-isfel minn fejn kien il-passaġġ.

Jinsisti li l-kejl li ġie trasferit f'ċens lill-konvenuti u lill-Prof. Vassallo mhuwiex żbaljat iżda nġiebet ħażin meta ttieħed mill-ħajt tal-bitħa minflok mil-ħajt ta' binja u b'hekk, resaq l-isfel għal ġo l-għalqa tal-atturi. Iżid li l-iżball la huwa fil-pjanta, la huwa fil-kejl, u anqas huwa fil-kuntratt iżda huwa biss fil-post minn fejn inġibed il-kejl.

Jeżebixxi sensiela ta' ritratti li ħa huwa dakinhar li aċċeda fuq il-post permezz ta' nota tat-12 ta' Lulju, 2017.[42]

**Xehed ulterjorment**[43] illi reġgħa aċċeda fuq il-post ma' kollega tiegħu, Raymond Demicoli, li kien ħejja l-pjanta oriġinali għal-kuntratti taċ-ċenswalisti. Ikkonferma dak kollu li xehed qabel ossia; li l-ħajt tas-sejjiegħ

[42] Nota a fol 358 bir-ritrtati a fol 359 sa 369.
[43] Fol 374 sa 377.

kien fejn issa hemm il-konkos. Iżid li l-pjanti saru abbażi ta' *surveys* provduti miċ-ċenswalisti stess.

**Il-Qorti rat ir-rapport ta-*surveyor*, l-Inginier Raymond Attard**.[44] Jiddikjara illi ha konjizzjoni tal-proċess tal-Qorti u wara, aċċeda fuq is-sit. Iżid li għamel *survey* ta' l-art biex jistabilixxi qisien eżistenti u jiġu detrminati xogħolijiet li saru mil-konvenuti. Jiddikjara wkoll li utilizza ħames ritratti mill-ajru meħudha fis-snin 1998, 2004, 2008, 2012, u 2016.

Jispjega li dakinhar tas-*survey* nhar it-8 ta' Novembru, 2018 kienu preżenti il-konvenut, wieħed mill-atturi (Joseph Grima), il-Perit John Saliba u l-Avukat Joseph Grech. Iżid li wara li sar is-*survey* talab mingħand Peter Mamo il-pjanta li ntużat mid-Dipartiment tal-Artijiet sabiex ta l-marki lill-konvenuti.

Jirreplika d-diversi ritratti mill-ajru li kkunsidra u fuqhom jimmarka il-proprjetajiet tal-atturi u tal-konvenuti, kif ukoll il-ħitan tas-sejjiegħ li jidhru fihom.

Minn dan l-eżerċizzju jirriżulta li bejn l-1998 u l-2012, għalkemm kien qed isir żvilupp fiż-żona, il-ħajt tas-sejjiegħ bejn l-għalqa tal-atturi u l-art tal-konvenuti baqa' mhux mittiefes. Mir-ritratt mill-ajru tal-2016 imbagħad jidher li għalkemm il-ħajt tas-sejjiegħ kien għadu hemm, żdied ħajt ieħor l-isfel minnu, lejn l-għalqa tal-atturi (ref. fig. 5, paġna 3 minn 4, rapport tal-perit tekniku, is-*surveyor* Raymond Attard).

Jikkonkludi għalhekk li meta jitqabblu l-qisien u pjanti, il-konvenuti mxew mal-qisien mogħtija lilhom u l-ħajt tas-sejjiegħ ma bidilx il-posizzjoni jew direzzjoni tiegħu. Iżid iżda li l-ħajt li nbena mill-konvenuti u li jidher fil-figura 5, f'paġna 3 minn 4 tar-rapport tiegħu, nbena l-isfel mil-ħajt tas-sejjiegħ ta' bejn il-proprjetajiet u allura fil-proprjeta' tal-atturi.

**In eskussjoni**,[45] xehed illi fil-kejl tal-wisgħa tal-art meħuda mill-konvenuti ma' qabilx mal-qisien tal-Awtorita' tal-Artijiet b'xi 81 ċentimetru. Jgħid iżda li l-konvenut mexa ma' li qalulu l-Awtorita' li semmai kienet dik li ħarġet aktar il-barra bil-kejl.

[44] F'envelope a fol 390.
[45] Fol 391 sa 394.

Jgħid li l-pjanti disponibbli huma antiki u ta' skala ta' 1:2500 u għħalhekk ibgħatu bħala akkuratezza. Jgħid li wieħed jista' jiġbed mal-linja tal-ħajt diviżorju.

**B'rapport addizjonali** wara li ġie estiż l-inkarigu tiegħu,[46] irrapporta li sabiex jimmarka fejn kien il-ħajt tas-sejjiegħ li kien hemm bejn iż-żewġ proprjetajiet u jikkalkola x'kienet il-wisgħa tiegħu, utilizza żewġ ritratti mill-ajru (ta' skala kbira) li kienu disponibbli fl-arkivja tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Jgħid li dan kien l-iktar mod opportun sabiex jinkiseb l-aktar riżultat akkurat possibbli. Jiddeskrivi l-metodi utilizzati.

Iżid li sabiex ġie identifikat x'kienet il-wisgħa tal-ħajt tas-sejjiegħ straħ fuq ir-ritratt tal-1994 fejn il-hajt kien jidher aktar definit. Jirrapporta li rriżulta li l-wisgħa tal-ħajt kienet pjuttost kostanti.

Rigward fejn kien dan il-ħajt tas-sejjiegħ jgħid li ħa bħala punt fis fejn għad hemm parti mil-istess ħajt.

Jgħid li kkonferma dak konkluż b'metodu addizzjonali permezz tas-sistema *Adobe Photoshop*.

Jikkonkludi li:

1. Il-wisgħa tal-ħajt tas-sejjiegħ diviżorju tista' tittieħed bħala waħda kostanti ta' 1.015 metri mentri;
2. Il-posizzjoni tal-istess ħajt għandha tkun kif muri fid-dokument "K" li hija identika għal dik kif stabbilita biż-żewġ metodi li utilizza.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din l-azzjoni ta' spoll l-atturi wara li ppremettew li huma *in solidum* bejniethom għandhom fil-pussess tagħhom l-għalqa fl-inħawi magħrufa

[46] F'envelope a fol 401.

bħala "Ta' Tuta' fil-limiti ta' San Lawrenz, Għawdex u li reċentement, il-konvenuti għamlu xogħol ta' skavar, kissru passaġġ, u waqqgħu ħajt tas-sejjiegħ diviżorju b'dan illi daħlu ġol-għalqa ta' l-atturi; talbu lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jirrintegrawhom fil-pussess tagħhom billi jisporgaw l-ispoll kommess a detriment tagħhom. Talbu wkoll sabiex fin-nuqqas jiġu huma awtorizzati jagħmlu x-xogħolijiet neċessarji a spejjeż tal-konvenuti.

Il-konvenuti laqgħu għħal dan billi qalu li ma' jissustissux l-elementi sabiex tirnexxi kawża ta' spoll u li mhux minnu li huma kissru l-passaġġ jew li bnew xi ħajt oltre kif kienu permessi li jagħmlu b'kuntratt tagħhom tal-21 ta' Ġunju, 2012.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-azzjoni odjerna hija ta' spoll kif kkontemplata fil-liġi nostrana fl-Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta, li jaqra:

> **535.** *(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.*

Minn dan l-aritkolu jirriżultaw l-elementi essenzjali sabiex attur jirnexxi f'azzjoni ta' spoll.

Dawn l-elementi huma tlieta:

i. li huwa kien jipposjedi l-oggett in mertu b'pussess ta' kwalunkwe' xorta jew b'detenzjoni - *possedisse;*
ii. li huwa ġie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni - *spoliatum fuisse*, u;
iii. li huwa ntavola l-kawża ta' spoll fi żmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnhu - *infra bimester deduxisse*.

**Rigward l-ewwel element, il-*possedisse*,** huwa paċifiku li l-espressjoni *"pussess ta' liema xorta jkun"* tikkomprendi kwalunkwe' tip ta' "pussess" inkluż dak ċivili *kemm dak sempliciment naturali u anke dak vizzjuz*.[47]

Ingħad infatti:

*"Neanche' e' permesso in questa causa di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo domini o no; perche' la legge non richiede che un possesso materiale e di fatto; tanto e' vero che si concede la detta azione anche al possessore che avesse in tempo precedente usurpato con violenza la cosa altrui" (Vol X p55).*[48]

Li huwa meħtieg, allura, huwa li attur f'kawża ta' spoll jipprova li għandu il-pussess. Jingħad ulterjorment li anke jekk il-pussess ikun wieħed qasir ħafna u saħansitra momentarju, dan xorta waħda huwa suffiċjenti sabiex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll, imbasta jkun univoku u ma' jkunx ibbażat fuq mera tolleranza.[49]

Il-Qorti hija wkoll konxja tal-fatt li l-azzjoni ta' spoll hija radikata fuq l-esiġenzi ta' l-utilita' soċjali, intiża biex tagħti protezzjoni lil kwalunkwe' pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat milli jieħu l-ġustizzja f'idejh.

Il-fini tal-azzjoni huwa nfatti dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt, jew turbat.[50] Huwa proprju għalhekk li l-istess disposizzjoni tal-liġi tagħmel referenza espressa ghall-Artikolu 791 tal-Kap. 12 li jrid illi l-konvenut f'kawża ta' spoll ma jista' jagħti ebda eċċezzjoni li mhix dilatorja qabel ma jkun reġa' qiegħed il-ħaġa fl-istat pristinu. Huwa b'din il-mira li l-ġurisprudenza u d-dottrina legali jinsistu li l-Qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll.

Fil-każ *de quo*, l-atturi jilmentaw li l-konvenuti kissru ħajt tas-sejjiegħ diviżorju u passaġġ bejn għalqa miżmuma minnhom b'ċens u dik fil-pussess tal-atturi bi qbiela. Jgħidu wkoll li wara dan, il-konvenuti daħlu fl-

[47] Vol XLII p. II p. 973. Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.
[48] Iccitat fl-istess decizjoni moghtija nhar il-31 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***John Sammut vs Emmanuel Sammut***, Citazz. Nru. 941/1995/2 PS.
[49] Vol XXXVII p. II p. 642. Ara wkoll id-decizjoni moghtija nhar l-24 ta' April, 1947 fl-ismijiet ***Cortis vs Sammut***.
[50] Vol XLII p. II p. 973 kif ukoll Vol XLI p. II p. 846.

għalqa tagħhom billi bnew ħajt bil-kantun il-ġewwa minn fejn kien il-ħajt diviżorju tas-sejjiegħ l-oriġinali.

Il-pussess tal-atturi tal-għalqa in mertu ġie ppruvat b'mod konvinċenti għal din il-Qorti. Dan mhux biss mhix xhieda konsistenti ta' l-atturi Joseph Grima u Raymond Grima iżda wkoll minn dik tal-konvenut inniffsu fl-affidavit tiegħu a fol 253 sa 255 tal-proċess u dik tax-xhud indipendenti Prof. Mario Vassallo a fol 183 sa 206 li t-tnejn ikkonfermaw li huma kienu jafu għalmenu lill-attriċi Maria Theresa Grima fil-pussess tal-għalqa *de quo*.

Oltre dan, xhud indipendenti ieħor, Peter Mamo, Kummissarju tal-Artijiet, apparti li kkorrabora t-testimonjanzi ta' diversi xhieda oħrajn mid-dipartimenti li jaqgħu taħtu u fi ħdan l-Awtorita tal-Artijiet, tefgħa dawl ta' kjarifika mportanti fuq diversi punti li tqajmu minnhom.

Huwa għalhekk paċifiku li l-pussess fuq l-għalqa in mertu jissussti fl-atturi, jekk mhux in solidum bejniethom, għalmenu fl-attriċi Maria Theresa Grima. Tenut kont iżda li prova ta' pussess in solidum m'hijiex neċessarja sabiex tirnexxi kawża ta' spoll bħal m'hi din tal-lum.

Il-medda ta' art ipposseduta mill-atturi hija ċara mill-atti u tirriżulta in partikolari mil-pjanta a fol 64 tal-proċess. Dan l-estent ġie kkonfermat għal darba darbtejn mid-diversi ritratti mill-ajru in atti in partikolari dawk inklużi mad-diversi rapporti tal-perit tekniku maħtur min din il-Qorti. Ġie ukoll kkonfermat mill-pjanti mħejjija mill-periti *ex parte* kemm tal-atturi kif ukoll tal-konvenuti, kif jinsabu in atti fil-proċess tal-Mandat t'Inibizzjoni numru 48/2014 a fol 7 u 10 tal-istess. Dawn il-pjanti ġew ukoll ikkonfermati mill-periti li ħejjewhom, il-Perit Clint Camilleri u l-Perit John Saliba, f'dawn il-proċeduri.

Jingħad ulterjorment li l-fatt waħdu li l-konvenuti ddikjaraw li qablu mal-konklużjonjiet tal-espert tekniku s-*surveyor* Raymond Attard, tant li mexxew bil-bidu tal-bini tal-pedamenti għal-ħajt diviżorju bejn il-proprjeta' tagħhom u dik tal-atturi,[51] ikompli jissustanzja l-fatt li l-konvenuti jaqblu u jikkonfermaw il-pussess tal-atturi stante li aderixxew mal-konkluzjonijiet tal-perit tekniku msejsa fuq it-talbiet atturi. Finalment, il-konvenuti anqas fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom ma' jinsistu fuq in-nuqqas ta' pussess għalmenu tal-attriċi Maria Theresa Grima.

---

[51] Ref. verbal tad-19 ta' Frar, 2021 a fol 418 u rikors tal-konvenuti a fol 424.

Rigward jekk il-Gvern kellux jew le, bħala s-sid taż-żewġ proprjetajiet, kemm dik fil-pussess tal-atturi bi qbiela kif ukoll dik trasferita lill-konvenuti b'ċens, il-jedd li jitlob korrezzjoni tal-pjanta u kuntratt tal-atturi; il-Qorti tqies li pruvat li l-atturi kellhom il-pusses tal-għalqa tagħhom qabel seħħ il-kuntratt ta' ċens tal-konvenuti (liema kuntratt ta' ċens jidher li sar tajjeb, bi pjanta korretta, li ġiet imbagħad misinterpretata); din m'hijiex kwistjoni ta' korrezzjoni ta' kuntratt min sid iż-żewġ porzjonijiet tal-art. Il-kwistjoni hawnhekk kienet ta':

1. spoll: għal liema huwa biss neċessarju jiġu pruvat il-pussess, kif ġie pruvat, u;
2. applikazzjoni korretta tal-pjanti li dejjem kienu korretti – kif irriżulta u segwa bl-interċessjoni tal-perit tekniku maħtur mill-Qorti.

Il-Qorti kellha għalhekk biss tikkunsidra kienx hemm pussess. Fil-każ li l-konvenuti ser ikunu preġudikati b'din id-deċiżjoni minħabba interventi li għamlu fuq marki u kalkoli li tagħhom ħaddieħor, dawn għandhom jirrikorru għar-rimedji opportuni f'dak ir-rigward. Iżda ċertament li ma' tistax din il-Qorti tiċħad il-pussess tal-atturi abbażi ta' żball li sar minn ħaddieħor.

**Dan magħdud, jibqa allura l-kwistjoni ta' l-att spoljattiv nniffsu – *spoliatum fuisse*** – ossia, li l-ispoljant għamel azzjoni kontra r-rieda tal-pussessur li eskludiet lill-pussessur mill-pussess. Jibqa' wkoll il-kwistjoni tat-terminu tal-azzjoni – *infra bimester deduxisse* li ser jiġi kkunsidrat hawn aktar il-quddiem.

*Dwar it-tieni element, huwa mehtieg li jintwera li l-ghamil spoljattiv ikun wiehed arbitrarju u maghmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll mahsub li l-ghamil irid ikun wiehed vjolenti jew imqar mistur ghall-gharfien tal-persuna li kellha l-pussess.* [52]

Mill-assjem tal-provi jirriżulta ċar li l-att spoljattiv seħħ, u seħħ mill-konvenuti bi preġudizzju għall-atturi.

[52] Ref. decizjoni moghtija nhar it-23 ta' Jannar, 2003 fl-ismijiet ***Filomena Ellul vs Carmel sive Charles Ellul,*** Citazz. Nru. 428/2000/1 JRM.

Il-konvenuti ressqu diversi xhieda u provi sabiex jippruvaw li fix-xogħolijiet intrapriżi minnhom, inkluż ta' skavar lejn l-għalqa tal-atturi, huma mxew mal-kejl u marki li ngħataw mill-Awtorita' tal-Artijiet.

Jirriżulta iżda li għalkemm il-kejl ma' kienx żbaljat, sar żball minn fejn dan ġie pjantat, ossia, minn fejn inġibed l-istess kejl, kif mogħti fuq il-pjanta mħejjija mill-Awtorita' tal-Artijiet u mehmuża mal-kuntratt ta' ċens perpetwu pattwit bejn il-Gvern u l-konvenuti. Dan wassal sabiex l-qies kollha tal-art mgħoddija b'ċens lill-konvenuti resaq lejn l-għalqa tal-atturi b'mod li nvada l-ħajt tas-sejjiegħ diviżorju (li kellu minflok jasal sa' miegħu) u naqqar mill-passaġġ u l-art tal-atturi. Dan jikkonfermah ċar ix-xhud Peter Mamo, Kummissarju tal-Artijiet, kif ukoll l-espert tekniku, is-*surveyor* Raymond Attard kif sintesizzat hawn aktar 'il fuq.

Huwa għalhekk indisputibbli li t-tieni element tal-azzjoni, l-i*spoliatum fuisse*, ireġi wkoll.

Il-konvenuti, fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom, jinsistu li l-attriċi Maria Theresa Grima ma' xheditx sabiex tipprova li ġiet spoljata u dan, minkejja li hija l-attriċi dikjarata fuq id-dokumenti tal-qbiela. Jingħad iżda li kienu l-konvenuti stess li ħarrku lill-istess attriċi sabiex tixhed għas-seduta tas-26 ta' Frar, 2016[53] fejn ġie preżentat ċertifikat mediku rigward in-nuqqas ta' mobilita' tagħha.[54] F'dik l-istess seduta inħatar assistent ġudizzjarju sabiex jisma lill-attriċi msemmija fir-residenza tagħha.[55] Malgrad iżda tentattivi varji tal-assistent ġudizzjarju sabiex iżomm seduta dan ma' rnexxilux jagħmel hekk[56] bl-avukat difensur tal-konvenuti anke kkanċella seduta ffissata għal dan il-għan.[57]

Il-Qorti hija moralment konvinta mill-prova ta' spoll u dan mill-varji dokumenti, partikolarment il-pjanti bis-superimpozizzjonijiet a fol 291, 352, 353, 354 u 356 li l-ispoll seħħ. Kellhom semmai jkunu l-konvenuti li jinsistu fuq prova kuntrarja jekk hekk kien qiegħed jiġi allegat minnhom li ma kienx hemm spoll. Dan ma seħħx.

[53] Ref. tahrika a fol 180.
[54] Ref. certifikat a fol 207.
[55] Ref. verbal a fol 208.
[56] Ref. kommunikazzjonijiet ta' u mal-assistent gudizzjarju a fol 209, 212, 213, 250 u 251.
[57] Ref. email datata it-3 ta' Mejju, 2016, a fol 212.

**Rigward it-tielet element sabiex tirnexxi l-azzjoni, l-*infra bimester deduxissi*,** il-Qorti tosserva illi fuq il-kwistjoni ta' meta seħħ l-att spoljattiv li wassal għal din il-vertenza ma' tressqux provi fil-proċess relattiv għal din l-istanza.

Mill-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni 48/2014 jirriżulta iżda li nhar it-30 ta' Settembru, 2014 l-atturi ntavolaw rikors fl-istess atti tal-mandat fejn iddikjaraw li l-konvenut Raymond Gatt kien *"ghadu ghaddej bix-xogholijiet tieghu"*. Dan ir-rikors sar wara li ġie intavolat dak għal-ħruġ tal-Mandat t'Inibizzjoni ta' nhar id-29 ta' Settembru, 2014. Din il-kawża ġiet intavolata nhar it-13 ta' Novembru, 2014.

Ma' tqajmet ebda oġġezzjoni mill-konvenuti li huma ma' kienux qed jagħmlu x-xogħol ta' skavar msemmi fil-Mandat t'Inibizzjoni tant li anke mir-risposta tagħhom stess għal Mandat t'Inibizzjoni (a fol 13 ta' l-atti tal-istess mandat) jikkontendu biss it-titolu tal-atturi fl-għalqa in mertu filwaqt li jinsistu fuq it-titolu tagħhom fuq l-art tagħhom.

Ma' tirriżultax għalhekk prova li l-azzjoni ma' ġietx intavolata fit-terminu perentorju ta' xahrejn u, fin-nuqqas ta' dan, m'huwiex għal din il-Qorti li tissindika fuq dan.

**Deċide:**

Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi u għar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, din il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi :

i) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.
ii) tilqa' l-ewwel (1) talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuti sabiex f'terminu ta' xaharejn mil-lum jirreintegraw lill-atturi fid-drittijiet kollha tagħhom relattivi għal-għalqa magħrufa bħala "Ta' Tuta", fil-limiti ta' San Lawrenz, Għawdex, billi jirripristinaw l-istess għalqa għall-istat li kienet fih qabel l-ispoll u dan skont l-istruzzjonijiet mogħtija mill-perit tekniku, is-*surveyor* Raymond Attard, fir-rapport tiegħu a fol. 401 u dak addizzjonali tas-sitta (6) ta' Lulju, 2021 a fol. 430 sa 435 tal-proċess.
iii) Tilqa' wkoll it-tieni (2) talba attriċi b'dan illi fil-każ li l-konvenuti jibqgħu inadempjenti fit-terminu lilhom konċess, l-atturi qed jiġu

minn issa awtorizzati jagħmlu dak minnhom miltub fl-ewwel talba tagħhom a spejjez tal-konvenuti.

L-ispejjez tal-kawża odjerna u tal-Mandat t'Inibizzjoni numru 48/2014 jitħallsu mill-konvenuti.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana

Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur